

Brussell, 1 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13012/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0294 (NLE)

UD 350
COMER 173
WTO 325

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt tal-Kooperazzjoni Doganali UE-Kanada fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-Programm Partners in Protection tal-Kanada u tal-Programm tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati tal-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat Konġunt tal-Kooperazzjoni Doganali UE-Kanada
fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar ir-rikonossiment reċiproku
tal-Programm Partners in Protection tal-Kanada u tal-Programm
tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati tal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar il-kooperazzjoni doganali u l-għajjnuna reċiproka dwar materji doganali (“CMAA”) ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/18/KE¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1998.
- (2) L-Artikolu 2 tas-CMAA jistieden lill-awtoritajiet doganali biex jiżviluppaw il-kooperazzjoni doganali bl-aktar kamp ta' applikazzjoni wiesa' possibbli.
- (3) Skont l-Artikolu 20 tas-CMAA, il-Kumitat Konġunt tal-Kooperazzjoni Doganali (“KKKD”) għandu jieħu l-miżuri meħtieġa għall-kooperazzjoni doganali.
- (4) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada dwar il-kooperazzjoni doganali fir-rigward ta' materji relatati mas-sigurtà tal-katina tal-provvista (“SCSA”) ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/941/UE² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2013.
- (5) Skont l-Artikolu 5 tal-SCSA, il-KKKD għandu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet dwar ir-rikonossiment reċiproku ta' tekniki tal-immaniġġjar tar-riskji, standards tar-riskji, kontrolli tas-sigurtà u programmi ta' sħubija kummerċjali.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/18/KE tas-27 ta' Novembru 1997 li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar kooperazzjoni u assistenza doganali reċiproka fuq affarijiet doganali (ĠU L 7, 13.1.1998, p. 37).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/941/UE tas-27 ta' Ġunju 2013 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada dwar il-kooperazzjoni doganali fir-rigward ta' materji relatati mas-sigurtà tal-katina tal-provvista (ĠU L 367, 23.12.2014, p. 8).

- (6) Il-KKKD biĥsiebu jadotta deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-Programm Partners in Protection tal-Kanada u tal-Programm tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati tal-Unjoni Ewropea waqt il-ħames laqgħa tiegħu u fi kwalunkwe każ qabel it-tmiem tal-2022.
- (7) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-KKKD, peress li d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-Programm Partners in Protection tal-Kanada u tal-Programm tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati tal-Unjoni Ewropea se jkollha effetti legali fl-Unjoni.
- (8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-KKKD rigward ir-rikonoxximent reċiproku tal-Programm Partners in Protection tal-Kanada u tal-Programm tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-KKKD,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tal-Kooperazzjoni Doganali ("KKKD") stabbilit mill-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar il-Kooperazzjoni Doganali u l-Għajnuna Reċiproka dwar Materji Doganali, fil-ħames laqgħa tal-KKKD, fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku tal-Programm Partners in Protection tal-Kanada u tal-Programm tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati tal-Unjoni Ewropea, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-KKKD¹.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha u għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2022.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument ST 13014/20 fuq <http://register.consilium.europa.eu>